MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2011

Numru 1022/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Malcolm Bondin**
**Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**OIVEND XUEREB**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Oivend Xuereb ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bin Jesmond u Rosaline nee’ Camilleri, imwieled Pieta fl-10 ta’ Dicembru 1984 u joqghod Block G, Flat 3, Triq il-Fosos, Furjana, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 328885M, akkuzat:

1 Talli fix-xahar ta’ Gunju 2011 bil-lejl gewwa Triq San Gorg, San Giljan, flimkien ma’ persuna/i ohra ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fuq persuna mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-hin;

2 Talli nhar il-25 ta’ Gunju 2011 ghal habta tat-3am gewwa Escape, Triq San Gorg, San Giljan, flimkien ma’ persuna/i ohra ikkommettew serq ta’ diversi oggetti minn fuq il-persuna ta’ Ibrahim Chaharou, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-hin;

3 Talli fil-lejl ta’ bejn is-6 u s-7 ta’ Lulju 2011 minn kamra numru 414 Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommeta serq ta’ diversi oggetti u.jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (€232.93euro), izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (€2329.37euro), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta’ Carina Verena Brandt u/jew persuna/i ohra;

4 Talli fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Lulju 2011 minn kamra numru 415, Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93euro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37euro), bil-lok u bil-hin ghad dannu ta’ Franco Mangifesta u/jew persuna/i ohra;

5 Talli fil-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Lulju 2011 minn kamra numru 306, Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta’ Mourad Baptiste Karib u/jew persuna/i ohra;

6 Talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Lulju 2011 minn kamra numru 701, Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Thomas Neal Chambers u/jew persuna/i ohra;

7 Talli fil-lejl tat-2 t'Awwissu 2011 minn kmamar numru 405, Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93euro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro(€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Tom Van Den Berg u/jew persuna/i ohra;

8 Talli fil-lejl tat-2 t'Awwissu 2011 minn kmamar numru 415, Dragonara Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Tim Rothengater u/jew persuna/i ohra;

9 Talli fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Awwissu u t-2 t'Awwissu minn kamra numru 701, Burlington Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Matteo Viglietta u/jew persuna/i ohra;

10 Talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 507, Burlington Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Alessandro Penna u/jew persuna/i ohra;

11 Talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 911, Burlington Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Juan Miguel Rodriguez Cerrejon u/jew persuna/i ohra;

12 Talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 t'Awwissu 2011 minn kamra numru 706, Burlington Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro ((€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (€2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Domenico Nigro u/jew persuna/i ohra;

13 Talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 t'Awwissu 2011 minn kamra gewwa Burlington Apartments, Triq id-Dragonara, San Giljan ikkommetta serq ta' diversi oggetti u/jew flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Carmen Rodrigues Dominguez;

14 Talli bejn il-5 u 7 ta' Lulju 2011, flimkien ma' persuna/i ohra, mir-residenza numru Block 2, Flat 6, Triq

il-Fosos, Furjana ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u tlieta u disghin centezmu tal-euro (€232.93) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-euro (2329.37), bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Maria Camilleri u/jew persuna/i ohra;

15 Talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjali Prosekuturi u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Awissu 2011;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema dikjarazzjoni ta' ammissjoni giet riaffermata minnu wara li gie moghti hin ragonevoli skond il-ligi sabiex jikkunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta giet biex tqies il-piena li ghandha tigi nflitta, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fuq naha wahda, il-fedina penali tal-imputat u n-natura tar-reati u, fuq in-naha l-ohra, l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat

ghen lill-Pulizija jsolvu serqiet ohra u kif ukoll il-fatt li bl-ammissjoni tieghu, ser jigu evitati proceduri sabiex min insteraq mill-imputat ikollu jixhed bi proceduri specjali.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja hija piena idonea.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 18, 31, 261(a)(b)(c)(e) (f), 262, 263, 267, 269, 270 u 277(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax li gew imqabbda l-ebda esperti.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja rigward il-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------